A.L. 49 ta' l-2008

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI (KAP. 327)

Emendi għall-Istatut I 17 - Statut għat-Twaqqif tal-*Foundation for International Studies* bħala Enti ta' l-Universita`

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija mill-artikoli 74(5) u 75(6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni, il-Kancillier ta' l-Universita` ta' Malta ippromulga dawn l-emendi li ġejjin ta' l-istatut magħmulin mill-Kunsill ta' l-Universita` ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lill-Kunsill bl-artikoli 72 (h), 75(2) u 77 (ċ) ta' l-imsemmi Att:

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn l-emendi huwa Emendi għall-Istatut I 17 - Statut għat-Twaqqif tal-*Foundation for International Studies* bħala Enti ta' l-Universita` u dawn l-emendi għandhom jinqraw u jiftiehmu bħala ħaġa waħda ma' l-Istatut għat-Twaqqif tal-*Foundation for International Studies* bħala Enti ta' l-Università, hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-istatut prinċipali**"**

Għan.

2. Dawn l-emendi huma intiżi sabiex jemendaw id-dizpożizzjonijiet ta' l-istatut principali in kwantu dawn jipprovdu dwar is-setgħa li jsiru emendi fir-rigward tal-metodu tax-xoljiment tal-*Foundation for International Studies*. Din il-bidla qiegħda ssir sabiex jiġi żgurat illi s-setgħa li tiġi xolta l-*Foundation of International Studies* tingħata lill-Prim Ministru li kien oriġinarjament waqqafha.

Sostituzzjoni ta' l-Artikolu 6 ta' l-Istatut Prinċipali.

3. Minflok is-Sitt Artikolu ta' l-Istatut prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"Is-Sitt Artikolu

Dan l-Istatut jista' jiġi emendat mill-Prim Ministru b'ordni bil-miktub li jingħata lill-Kanċillier ta' l-Universita` ta' Malta u bi ftehim ma' l-imsemmi Kanċillier."

**Sostituzzjoni ta'
l-Artikolu 7 ta'
l-Istatut Prinċipali.**

4. Minflok is-Seba' Artikolu ta' l-Istatut prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"Is-Seba' Artikolu

F'kaz ta' xoljiment tal-*Foundation* b'ordni bil-miktub li tingħata mill-Prim Ministru lill-Kanċillier ta' l-Universita` ta' Malta u bi ftehim ma' l-imsemmi Kanċillier skond is-Sitt Artikolu, il-proprjeta` tal-*Foundation* għandha tvesti fl-Universita` ta' Malta li tkun responsabbli biex jiġu mħarsa d-drittijiet tal-benefatturi u d-donaturi tal-*Foundation*.".